**6 ta' Ottubru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Emma Sacco et.

*versus*

Rosaria Portelli

**Perit — Kompensazzjoni — Transazzjoni — Appell — Soprasessjoni — Art. 733 tal-Proċedura Ċivili.**

*Pretensjoni fis-sens illi kien hemm ftehim ta' kompensazzjoni bejn il-kreditu reklamat mill-attur u kreditu ieħor pretiż mill-konvenut ma h'x attendibbli, jekk dak il-ftehim ma jirriżultax; u in vista ta' dan in-nuqqas ta' prova, ma hux il-każ li l-Qorti tara jekk dak il-ftehim jammontax għal*

*transazzjoni, u jekk l-istess ftehim kienx ikun validu, minħabba li bħala transazzjoni kellu jsir bil-miktub u kitba dwaru ma kienx hemm.*

*Għaldaqstant, jekk perit jeżiġi l-ħlas tal-onorarju tiegħu għax-xogħol li huwa għamel lill-kommittent, dan ma jistgħax isostni li l-kreditu pretiż kontra tiegħu ġie kompensat ma' kreditu li l-kommittent kellu kontra l-perit għal danni kaġunati lilu mill-istess perit fl-eżekuzzjoni ta' dak ix-xogħol, jekk din il-kompensazzjoni ma tirriżultax; u ma jistgħax jingħad li l-allegat ftehim kien jammonta għal transazzjoni, jekk ma saret ebda kitba dwar l-istess ftehim.*

*Hu sewwa li l-Qorti, għalhekk, tiċħad l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni u tirriżerva lil-konvenut kommittent id-dritt li jiddeduċi l-kreditu minnu pretiż f'ġudizzju separat, "si et quatenus"; u mhux ġustifikat, fl-appell li jagħmel il-konvenut, l-ilment tiegħu li l-Ewwel Qorti ma messhiex laqgħet it-talba għall-ħlas tal-onorarju tal-perit u għamlet riżerva simili, bażat dan l-ilment fuq l-allegazzjoni illi dawn id-danni, jekk jirriżultaw, setgħu liberament jiġu likwidati fl-istess ġudizzju, billi huma konsegwenza ta' imperizja u negliġenza tal-perit fid-direzzjoni tax-xogħolijiet li tagħhom il-perit jitlob li jiġi mħallas l-onorarju, u dawn id-danni huma likwidi; għax l-eċċezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti ma kienetx din, imma kienet dik li kien hemm il-kompensazzjoni, u ladarba dik l-eċċezzjoni ma ġietx sostanzjata, u lanqas formalment dedotta, l-aktar li setgħet tagħmel l-Ewwel Qorti għall-kommittent konvenut kien appuntu dik ir-riżerva.*

*In-nuqqas, mbgħad, ta' din l-eċċezzjoni fl-ewwel istanza u ta' provi dwarha, ma jistgħax jiġi rimedjat fl-appell; anzi, l-istess dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi l-eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jingħataw l-ewwel darba anki fl-appell espressament tirriżerva impreġudikata d-dispożizzjoni tal-istess liġi dwar il-produzzjoni fl-appell ta' provi li ma jkunx saru fl-ewwel istanza, u każ simili ma jidħolx taħt ebda wieħed mill-każijiet li fihom il-liġi tippermetti l-produzzjoni ta' provi ġodda fl-appell. U lanqas jista' jingħad li każ simili jaqa' taħt l-ipotesi fejn il-Qorti tal-Appell tħoss innecessità li tisma' provi ġodda, għaliex in-neċessità tal-*

*kommittent konvenut, f'kax simili, li jagħmel il-provi, jekk deherlu, tad-danni lilu pretiżi kaġunati mill-perit, kienet teżisti fl-ewwel istanza.*

*Lanqas ma hija aċċettabbli l-alternattiva li l-Qorti tal-Appell, preżumibbilment billi tissoprassjedi u waqt li s-sentenza appellata għadha sseħħ, tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti biex tisma' l-provi ġodda u tiddeċidi fuq l-eċċezzjoni ġdida tal-konvenut dwar l-allegati danni. Din l-alternattiva ma għandhiex bażi f'ebda dispożizzjoni tal-liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni uddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, fil-kwalità tagħhom rispettiva fuq indikata, talbu illi, wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, il-konvenuta tiġi kundannata tħallashom is-somma ta' £270.17.6, drittijiet professjonali dovuti lilhom in konnessjoni max-xogħol ta' rikostruzzjoni tal-fond il-Furjana, Pietro Floriani Street nru. 25 u 26, li għamel l-Inġinier Ċivili u Arkitett Giovanni Sacco b'inkarigu tal-konvenuta, liema somma l-konvenuta ġa daħħlet mill-War Damage Commission; bl-imgħax legali mill-ġurnata li l-konvenuta daħħlet dawn il-flus. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Mejju 1953, kontra l-konvenuta;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha esponiet illi t-talba tal-atturi hi infondata, għaliex bejnha u l-mejjet perit Giovanni Sacco kien sar ftehim li bih hija ma kellhiex titlob id-danni talli ma ġewx mill-perit mibgħuta l-kontijiet relattivi għal diversi partiti ta' xogħol fil-fond in kwistjoni, li ma ġewx imħallsa mill-War Damage Commission lilha, li kellha tagħmilhom a spejjeż proprji, u l-istess perit Sacco kien aċċetta, in linea ta' kompensazzjoni, li ma jeżiġix il-kreditu dedott fiċ-ċitazzjoni. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Jannar 1958, li biha, prevju riġett tal-eċċezzjoni tal-konvenuta, laqgħet it-talba tal-atturi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta; b'riżerva lill-istess konvenuta ta' kull az-

zjoni, "si et quatenus", kontra l-atturi għad-danni minnha pretiżi sofferti bi ħtija tal-perit Giovanni Sacco; wara li kkunsidrat;

Il-konvenuta, per mezz ta' Padre Benigno Camilleri, kienet inkarigat lill-Perit Giovanni Sacco biex jeħdilha ħsieb ir-rikostruzzjoni tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, li kien sofra ħsara fi żmien l-aħħar gwerra. L-imsemmi perit kien ta dan ix-xogħol *lill-ibnu* Joseph Sacco, imma wara l-mewt ta' dan, li ġrat fiż-17 ta' Settembru 1947, dak l-inkarigu komplieh hu. Il-perit Joseph Sacco kien laħaq għamel l-iskeda tax-xogħolijiet. Fis-6 ta' Mejju 1949, il-perit Giovanni Sacco, f'isem il-konvenuta, bagħat lill-War Damage Commission il-"*claim*" għax-xogħolijiet li kienu saru *fl-imsemmi fond fis-somma* ta' £7974.6.7½, *kompriża fiha* dik ta' £278.10.0 spettanti lilu għad-drittijiet professjonali, biex isir il-"final settlement", u dan għaliex il-konvenuta kienet ġa rċeviet minn għand l-istess Kummissjoni l-kumpens ta' £7500 in forza ta' erbgħa *mandati*......;

*Il-konvenuta* topponi t-talba tal-atturi in bażi tal-ftehim minnha allegat li sar bejnha u l-mejjet Perit Giovanni Sacco kif imsemmi fin-nota tal-eċċezzjonijiet, u mfisser aħjar fid-dikjarazzjoni tagħha annessa ma' *dik in-nota*. *Din l-allegazzjoni* tal-konvenuta trid tittieħed b'ċerta ċirkospezzjoni, *minħabba li* l-Perit Sacco inevitabbilment ma jistgħax jixhed (App. 20 ta' Novembru 1922 "Baldacchino vs. Sammut"; 26 ta' Jannar 1914 "Abela vs. Abela Borg"; P.A. 11 ta' Jannar 1922 "Chetcuti utrique"). Ma jidherx li għandu jkun hemm dubju, speċjalment ukoll in vista tax-xhieda ta' Padre Benigno Camilleri, li kien hemm inkontru bejn il-konvenuta u l-Perit Sacco fil-preżenza tal-imsemmi Camilleri, li fih sar xi diskors jew ftehim bejniethom fuq kompensazzjoni ta' flus; imma ma jidherx li l-konvenuta u l-Perit Sacco baqgħu jinsistu fuq dak il-ftehim; u fi kwalunkwe każ, dak il-ftehim ma kienx fis-sens kif allegat mill-konvenuta;

Illi l-ewwelnett hu ferm importanti li jiġi stabbilit meta sar dak l-inkontru. Il-konvenuta ma tistgħax tippreċiża ż-żmien, imma *jidhrilha*......;

*Illi, stabbilita din iċ-ċirkustanza,* għandu jsegwi li tant il-konvenuta kemm il-Perit Sacco ma riedux jinfurzaw dak *il-ftehim magħmul minnhom.* Infatti, ...... u *hekk* hija ġiet irrinunzjat, almenu impliċitament, għal kull ftehim li sar qabel bejniethom. *U kif jidher* mid-dokument fil.fol. 97 tal-proċess, f'April 1952 il-Perit Sacco bagħat għall-konvenuta biex tħallsu......;

Illi mbgħad hemm dawn iċ-ċirkustanzi, fost oħrajn, li juru *li ma setgħax kien hemm bejn il-Perit Sacco* u l-konvenuta l-ftehim fis-sens allegat minn din tal-aħħar . . . ;

Illi, fl-aħħarnett, jista' jingħad b'sikurezza li l-ftehim imsemmi *mill-konvenuta ma setgħax* kien fis-sens allegat minnha, u kwindi l-oppożizzjoni tagħha tat-talba tal-atturi, bażata unikament *fuq l-allegat* ftehim f'dak is-sens, ma treġix. Infatti, hija tgħid...... Issa, jinsab assodat li ftehim f'dan is-sens bejn il-konvenuta u l-Perit Sacco ma setgħax isir, għaliex......;

*Illi għalhekk ma* jistgħax jiġi negat li kien hemm xi ftehim bejn il-konvenuta u l-Perit Sacco fil-preżenza ta' Padre *Benigno Camilleri, imma* dan il-ftehim segwa wara l-ewwel........ Fi kwalunkwe każ, jibqa' dejjem, kif ġa ssemma, *li* dak *il-ftehim kien fuq* bażi addirittura diversa minn dik allegata mill-konvenuta;

Illi l-konvenuta tgħid li l-Perit Sacco sakemm miet ma bagħtilhiex kont. Imma l-Perit Sacco ma kellux *jibgħatilha kontijiet.* Kif jidher mill-ittra tiegħu msemmija (fol. 97), il-konvenuta kienet wegħditu li kellha tmur tħallsu, u *huwa kien qiegħed jistenniha tmur* tħallsu. Del resto, hija ma kellhiex bżonn ta' kont minn għand il-Perit Sacco, għaliex kienet taf ben tajjeb, *mill-ittri* ndirizzati lilha mill-War Damage Commission, x'kien l-ammont dovut lill-Perit Sacco għall-onorarju tiegħu: *liema ammont* kien jinsab għandha, billi kien kompriż f'dak li hija rċeviet bħala kumpens minn għand l-imsemmija Kummissjoni;

Illi mix-xhieda tal-P.L. Fortunato Ellul jirriżulta *illi l-onorarju tal-Perit Sacco għax-xogħolijiet li* huwa ddiriġa in konnessjoni mar-rikostruzzjoni tal-fond imsemmi fiċ-

ċitazzjoni jilħaq is-somma ta' £276.17.6; liema somma tinsab ammessa fir-riepilogu tad-dokument "B" (fol. 32), eżibit minnha fis-seduta tad-19 ta' April 1955. Però, l-atturi qegħdin jitolbu biss is-somma ta' £270.17.6, u għalhekk ma jistgħux jieħdu aktar minn din is-somma minnhom mitluba;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuta, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet illi dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni ta' kompensazzjoni avanzata mill-istess konvenuta u tiġi miċħuda t-talba; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

*Omissis*;

Semgħet xhud, rat l-attijiet kollha tal-kawża, u kkunsidrat;

Ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet illi (1) il-Perit Giovanni Sacco *rrenda lill-konvenuta s-serviġi professjonali* msemmija fl-atti; (2) illi d-drittijiet dovuti għal dawn il-prestazzjonijiet jammontaw għal £276.17.6; (3) illi dan l-ammont ta' drittijiet professjonali nħareġ mill-War Damage Commission u tħallas lill-konvenuta; (4) u illi l-konvenuta żammet dawn il-flus għandha, u ma għaddiethomx lil-Perit Sacco f'ħajtu, jew lill-atturi aventi kawża minnu wara mewtu;

Il-pretensjoni tal-konvenuta quddiem l-Ewwel Qorti kienet illi hi għandha dritt tirritjeni l-imsemmi ammont, għaliex, kif esprimiet ruħha fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha (fol. 8), bejnha u l-Perit Sacco kien sar ftehim li *bih hi ma kellhiex titlob id-danni ta'li ma ġewx mibgħuta* mill-Perit il-kontijiet relattivi għal diversi partiti ta' xogħol fil-fond in kwistjoni, li ma ġewx imħallsa mill-War Damage Commission lill-konvenuta, li kellha tagħmilhom a spejjeż tagħha, u l-Perit Sacco kien aċċetta, in linea ta' kompensazzjoni, li ma jeżiġix il-kreditu dedott fiċ-ċitazzjoni;

Jista' jingħad minn issa — u dan jiġi ripetut aktar il-quddiem għar-rigward ta' varjanti tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li ġiet avanzata quddiem din il-Qorti — illi l-allegat nuqqas tal-Perit Sacco, li jibgħat kontijiet lill-War Damage Commission, ma ġie b'xejn pruvat f'din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li waslet fiha l-Qorti, illi l-eċċezzjoni tal-konvenuta, bażata fuq l-allegat ftehim, ma ġietx sostanzjata. Jista' jkun illi, sakemm il-War Damage Commission kienet qegħda ssostni illi mill-ammont totali ta' £7974.6.7½, reklamat għan-nom tal-konvenuta, għandha titnaqqas is-somma ta' £644.5.10¼ (fol. 34), sar xi ftehim illi l-konvenuta żżomm l-ammont tad-drittijiet professjonali dovut lill-Perit Sacco li hi stess kienet daħħlet minn għand il-War Damage Commission, u hi mill-parti tagħha ma tippretendix danni minn għand il-Perit minħabba dak it-tnaqqis mill-"claim" tagħha; iżda wara li fuq ir-rimostranzi u l-ispjegazzjonijiet tal-istess Perit Sacco u tal-konsulent legali tal-konvenuta l-War Damage Commission irrivediet dik id-deċiżjoni tagħha, u akkordat lill-konvenuta tista' tgħid l-ammont totali tal-"claim", b'deduzzjoni insinifikanti ta' xi £36 fuq ammont ta' kważi tmien telef lira, l-imsemmi ftehim ma kienx hemm aktar loku;

Ma jistgħax assolutament ikun hemm dubju illi kwalunkwe ftehim li seta' sar bejn il-konvenuta u l-Perit Sacco kellu bħala bażi dawk id-deduzzjonijiet mill-"claim" li fill-bidu kienet sejra tagħmel il-Kummissjoni, u mhux, kif wara bdiet tippretendi l-konvenuta, ommissjonijiet mix-"schedule of works" ta' partiti ta' spejjeż inkorsi minnha. Biżżejjed jiġi osservat illi ........ Għalhekk, dawn l-allegati omissjonijiet mix-"schedule" tal-"claim" żgur li qatt ma setgħu jiffurmaw l-oġġett tal-ftehim allegat mill-konvenuta;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet l-oħra mogħtija fis-sentenza appellata, l-eċċezzjoni tal-konvenuta kif formulata hija nieqsa minn kull bażi ta' fatt;

In vista ta' dan, il-Qorti ma għandhiex bżonn teżamina l-kwistjoni jekk, *kieku anki l-ftehim* allegat mill-konvenuta sar, dan kienx jammonta għal transazzjoni, u kwindi kienx ikun validu bħala li sar bil-fomm biss, jew il-kwistjoni l-oħra jekk dak il-ftehim, suppost sar wara it-tieni ittra uffiċjali tal-konvenuta, kienx ikun validu skond l-art. 1019 (1) jew l-art. 1824 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat;

Bis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-atturi, prevju riġett tal-eċċezzjoni tal-konvenuta, u rriżervat lill-istess konvenuta kull azzjoni "si et quatenus" kontra l-atturi, għad-danni minnha pretiżi sofferti bi ħtija tal-Perit Giovanni Sacco;

L-eċċezzjoni li ġiet hekk miċħuda baqgħet dejjem, sal-konklużjoni tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, dik fuq imsemmija, ċjoè bażata fuq l-allegat ftehim ta' kompensazzjoni bejn il-konvenuta u l-Perit Sacco. Dan jidher b'mod ċar min-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta (fol. 152), li kienet l-aħħar att preżentat minnha qabel mal-kawża ġiet imħollija għas-sentenza. F'din in nota l-imsemmija eċċezzjoni ġiet ripetuta bil-kliem "l-atturi mhumiex intitolati għas-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni, għaliex bejn l-esponenti u l-mejjet Perit Giovanni Sacco kien sar ftehim eċċ., eċċ.";

Iżda fil-petizzjoni tagħha tal-appell, il-konvenuta, għad illi baqgħet tinsisti fuq l-istess eċċezzjoni, u infatti talbet ir-revoka tas-sentenza appellata "billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni ta' kompensazzjoni avanzata minnha", issottomettiet gravum ieħor kontra dik is-sentenza. Hi qalet hekk:— "Fi kwalunkwe każ, l-Ewwel Qorti ma messhiex laqgħet it-talba u għamlet riżerva għad-danni pretiżi mill-esponenti; għaliex dawn id-danni, jekk jirriżultaw, setgħu liberament jiġu likwidati f'dan il-ġudizzju, billi huma konsegwenza ta' imperizja jew negligenza tal-Perit fid-direzzjoni tax-xogħlijiet li tagħhom qiegħed jitlob li jiġi mħallas l-onorarju tiegħu, u dawn id-danni huma likwidi";

Dal l-ilment ġie, waqt it-trattazzjoni orali quddiem

din il-Qorti, spjegat kif ser jingħad. In sostanza, ġie sottomess illi fil-każ preżenti l-atturi qegħdin jitolbu minn għand il-konvenuta l-ħlas ta' serviġi professjonali magħmulin lilha mill-awtur tagħhom; dan, però, irrenda dawk is-serviġi b'mod negliġenti; hu għamel ix-xogħol tiegħu ħażin, tant illi kkaġuna danni lill-konvenuta, derivanti mill-fatt li hu naqas li jinkludi fil-"claim" tal-War Damage spejjeż li hi kienet għamlet; għalhekk il-Perit Sacco ma kienx intitolat għad-drittijiet tiegħu għal dawk is-serviġi; l-Ewwel Qorti kien imissha, għalhekk, tinvesti din il-kwistjoni f'din il-kawża, u mhux sempliċement tagħmel riżerva favur il-konvenuta;

Dan l-ilment kontra s-sentenza appellata mhux ġustifikat. Diġà ntqal, aktar il-fuq, illi l-eċċezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti ma kienetx din. Dan tant hu veru illi, għalkemm fil-kors tal-kawża allegazzjonijiet ta' danni minabba ommissjoni ta' partiti mill-"claim" saru diversi drabi, il-konvenuta ma għamletx, u lanqas offriet li tagħmel, il-prova sewwa tagħhom, u tal-kolpa jew negliġenza tal-Perit Sacco. Infatti, ċerti dokumenti eżibiti fil-proċess, li suppost juru liema kontijiet il-Perit Sacco ħalla barra (bħal dawk fol. 31-33, fol. 39-42, fol. 57), neqsin minn kwalunkwe konferma bil-ġurament quddiem il-Qorti u minn ġustifikazzjoni legali oħra, ma jwasslu mkien. Anqas jipprova xejn il-pitazz, miktub minn idejn il-konvenuta u eżibit fol. 122, li hi la tiftakar għalfejn, u lanqas meta tagħtu lill-Perit Sacco (fol. 137). L-istess ħaġa jingħad għal ċerti ġeneralizzazzjonijiet magħmula mix-xhud tal-konvenuta, bħal dik fol. 75, li "ċerti affarijiet baqgħu ma tniżżlux fix-schedule of works", u dik fol. 80, "li kien hemm ħafna kontijiet li rriżulta li l-Perit Sacco ma niżżilhomx". Appena hemm bżonn jingħad illi ebda valur probatorju ma jista' jkollu dak li Padre Camilleri jgħid (fol. 78) li qallu l-Perit Grixti Soler, li seta' jinġieb bħala xhud. Del resto, mill-kumpless tax-xhieda kollha ta' Padre Camilleri u tal-konvenuta jidher ċar illi dawn kienu qegħedin, naturalment in bwona fede, jikkonfondu dak li jaħsbu li kienu ommissjonijiet mill-"claim" mad-deduzzjonijiet li inizjalment kienet għamlet il-War Damage Commission, u li wara, però, ħallset tagħhom kważi nterament lill-konvenuta;

Del resto, ammissjoni ċara li din il-prova tal-pretiżi ommissjonijiet ma saretx tinsab fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta fol. 157-158, fejn hi qalet li kienet "pronta tipproduċi x-xhieda biex tipprova r-realtà tal-ispiża li tidher fil-lista a fol. 31 rigward erbgħa kontijiet...... ammontanti komplessivament għas-somma ta' £265.11.8, li hi appuntu s-somma kollha li hi tippretendi li sofriet bħala danni. Il-konvenuta kompliet tgħid li sa dak l-istadju dawk ix-xhieda ma pproduċiethomx, billi deħrilha li ma kienx hemm bżonn "stante n-natura tal-eċċezzjoni li għalissa qegħedha tiġi trattata; però tirriżerva li tipproduċihom jekk u kemm il-darba jkunu meħtieġa qabel id-deċiżjoni definittiva tal-preżenti kontroversja" (fol. 158);

Fil-fatt, wara d-data ta' dik in-nota tal-konvenuta, il-kawża ġiet differita għal diversi drabi, sakemm fis-27 ta' Novembru 1957, il-partijiet, permezz tad-difensuri tagħhom, iddikjaraw li ma għandhomx provi oħra xi jġibu, u l-kawża baqgħet differita għas-sentenza (fol. 161). In segwitu reġgħu nstemgħu xi xhieda, bl-inizjattiva tal-istess Qorti, u mbgħad il-kawża ġiet deċiża;

Minn dan jidher ċar illi l-eċċezzjoni kif issa sollevata mill-konvenuta ma kienetx formalment quddiem l-Ewwel Qorti, anqas in subordine, u kwindi l-konvenuta ma tistgħax leġittimament tilmenta illi dik il-Qorti ma eżaminathiex u ma ddeċiedietħiex. U kieku kellu jitqies li dik l-eċċezzjoni kienet quddiem il-Qorti, din, fl-istat tal-provi dwarha, ma kienetx tista' ħlief tiċħadha; u dan żgur ma kienx ikun aħjar għall-konvenuta mir-riżerva li, minflok, għamlitilha l-Qorti. Ma hemmx bżonn jingħad illi ma kienx dmir tal-Qorti li ġġiegħel hi l-produzzjoni ta' dawk il-provi. Lanqas jista' jingħad illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza fuq xi eċċezzjoni partikulari bħala ħaġa preliminari. Kif jidher, il-konvenuta strieħet għal kollox fuq l-eċċezzjoni kif sollevata minnha, u skond il-verbal fuq imsemmi (fol. 161) il-kawża ġiet dikjarata konkjuża, u baqgħet għas-sentenza, fuq il-meritu kollu tagħha;

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-aktar li l-Ewwel Qorti set-

għet tagħmel għall-konvenuta kien appuntu r-riżerva li hemm fis-sentenza appellata;

In-nuqqas ta' eċċezzjoni in prima istanza u ta' provi dwarha ma jistgħax, kif issuġġeriet il-konvenuta fit-trattazzjoni tal-appell, jiġi rimedjat f'din l-istanza. Anki l-istess art. 733 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jiddisponi illi l-eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jingħataw għall-ewwel darba fi grad ta' appell, espressament jirriżerva impreġudikati d-dispożizzjonijiet tal-istess Kodiċi dwar il-produzzjoni tal-provi. Il-każ preżenti ma jidħol fl-ebda wieħed mill-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subart. (1) tal-art. 206 ta' dak il-Kodiċi. Anqas jidħol taħt il-paragrafu (d) kif dan ġie dejjem interpretat u applikat minn din il-Qorti. In-neċessità li l-konvenuta tagħmel il-provi tagħha, jekk jidhrilha, kienet teżisti in prima istanza, molto pjù li hi ġiet formalment diffidata mill-aturi fin-nota tagħhom fol. 144-145 tal-proċess;

L-alternattiva l-oħra, suġġerita wkoll mill-konvenuta, li din il-Qorti (preżumibbilment billi tissoprassjedi u waqt illi s-sentenza appellata għadha sseħħ) tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti biex tisma l-provi ġodda u tiddeċidi fuq l-eċċezzjoni ġdida tal-konvenuta, ma għandhiex bażi f'ebda dispożizzjoni tal-liġi;

Għal dawn il-motivi, l-appell tal-konvenuta ma jistgħax jiġi milqugħ, u din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad dak l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.